

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' April 2009 —
Tailor vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' but xellugi)**

(Kawża T-282/07) ⁽¹⁾

*("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark
Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta but xellugi —
Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv
— Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 —
Rikors manifestament infondat fid-dritt")*

(2009/C 153/75)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Tom Tailor GmbH (Amburgo, il-Ġermanija) (rappreżentanti: S.O. Gillert, K. Vanden Bossche u F. Schiwek, avokati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Mejju 2007 (Każ R 669/2006-1) dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta but xellugi bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt
- 2) Tom Tailor GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 235, 6.10.2007

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' April 2009 —
Tailor vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' but tal-lemin)**

(Kawża T-283/07) ⁽¹⁾

*("Trade mark Komunitarja — Talba għar-reġistrazzjoni ta'
trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta but tal-
lemin — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru
distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94
— Rikors li huwa manifestament infondat fid-dritt")*

(2009/C 153/76)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Tom Tailor GmbH (Hamburg, il-Ġermanija) (rappreżentanti: S.O. Gillert, K. Vanden Bossche u F. Schiwek, avokati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Mejju 2007 (Każ R 668/2006-1) dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta but tal-lemin bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- 2) Tom Tailor GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 235, 6.10.2007.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2009 — Al Barakaat International Foundation vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-45/09)

(2009/C 153/77)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

Partijiet

Rikorrenti: Al Barakaat International Foundation (Spånga, l-Iżvejja) (rappreżentanti: L. Silbersky u T. Olsson, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008 inkwantu dan jikkonċerna lill-Al-Barakaat International Foundation;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda għall-101 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jipponi ċerti miżuri spċċiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban ⁽¹⁾, li jipprevedi ż-żamma tar-rikorrenti fuq il-lista ta' persuni u entitajiet li l-fondi u l-mezzi finanzjarji oħra tagħhom huma ffriżati skont ir-Regolament Nru 881/2002 ⁽²⁾. Ir-Regolament (KE) Nru 1190/2008 kien ġie adottat wara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al-Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, li għadha ma' għixx iċċi p-ġewwa fil-Ġabra) li kienet annullat il-lista preċedenti li fuqha kienet tidher ir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti tinvoka l-motivi segwenti insostenn tar-rikors tagħha: